MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 58

12 ta' Diċembru 2016

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit– Kunsillier
John Borg - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Matthew Mangion
Dr. Francessca Zarb

ASSENTI

Michael Fenech Adami – Kunsillier
Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, u s-Sur John Mizzi. Dr.Josianne Cardona Gatt u is-Sur Michael Fenech Adami kienu assenti .

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien assent b' apologija.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenta b apoloġija

Għal din il-laqgħa kien hawn il-preżenza tal-pubbliku. Għal xi ħin, preżenti għal-laqgħa kien hawn il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

## 58.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji

58.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Matthew Mangion li kien ma jiflaħx u ta' Dr. Francesca Zarb li kellha impenji oħra. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija b'mod unanimu.

## 58.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal minuti

58.2.1 Il-minuti ta' Laqgħat 56 u 57 ġew approvati unanimament mingħajr ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

## 58.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

58.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li xtaqet ittella' żewġ ittri bħala korrispondenza.

58.3.2 L-ewwel ittra kienet mingħand *Hospice* li rringrazzjawna tal-flus li ġbarna - €850 - fl-attivita' tal-moda organizzata ma' Charles and Ron.

58.3.3 It-tieni ittra li tressqet kienet mill-*ombudsman* li qata' każ kontra l-kunsill. Il-każ kien jikkonċerna persuna li sofriet danni fil-karozza minħabba ħofra fi Triq Mannarino, liema ħsarat kienu jammontaw 190euro. Il-Kunsill ma qabilx ma' l-ombudsman għax isostni illi Triq Mannarino għandha taqa' taħt Transport Malta. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb ittra bl-avvukat lill-*Planning Authority* sabiex Triq Mannarino tibda taqa' taħt ir-responsabilta' ta' TM bħal ma jaqgħu Triq il-Wied ta' l-Imsida u Triq Naxxar.

## 58.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

58.4.1 Is-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv dwar jekk sarx xi ħaġa dwar ittra elettronika li bagħtet dwar *culverts* miżduda fi Triq il-Wied. Is-Segretarju qalilha illi billi triq il-Wied taqa' taħt Transport Malta, l-ilment għaddejnih lilhom.

## 58.5 Rapport tal-Bord ta' L-Evalwazzjoni

58.5.1 Tressaq ir-rapport ta' aġġudikazzjoni ta' tender BLC003-2016 għas-servizz ta' *quantity surveyor*. Ir-rapport indika bħala rebbieħ lill-kumpanija RPA tas-Sur Ray Pellicano, li tefa' l-irħas offerta. Il-Kunsill qabel nem. con. illi naċċettaw din ir-rakkomandazzjoni biex it-tender jingħata lil RPA.

58.5.2 Rigward it-tender tat-trasport ta' l-anzjani dan twaqqa' peress li l-ebda wieħed miż-żewġ konkorrenti ma laħaq il-kriterji minimi. Is-Segretarju Eżekuttiv se jerġa' joħroġ it-tender.

## 58.6 Rapport Finanzjaru tat- tielet kwart tas- sena

58.6.1 Preżenti għal din il-parti tal-laqgħa kien hawn is-Sur Christian Vella konsulent finanzjarju tal-Kunsill. Is-Sur Vella ta spjegazzjoni fuq fuq tar-rapport finanzjarju li jinsab anness mal-minuti. B'mod inġenerali l-Kunsill ma għandux "bozoz ħomor" f'dak li huwa finanzi. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ppropona li r-rapport finanzjarju jiġi approvat. Huwa ġie ssekondat mill-kunsillier is-Sur Mark Abdilla, u r-rapport għadda b'mod unanimu.

58.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara memo 43 mid-dipartiment fejn dan qed jitlob illi l-Laqgħa Annwali ssir kemm jista' jkun malajr f'Diċembru stess ħalli jitlestew l-estimi annwali għas-sena d-dieħla. L-*accountant* qal illi għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill għas-sena 2017, huwa flimkien mas-Segretarju se jlesti abbozz ta' budget biex minn hemm norganizzaw il-laqgħa annwali.

58.6.3 Għall-ħabta tas-6.50pm daħal fil-Kamra l-Kunsillier is-Sur John Borg. Huwa skuża ruħu li wasal tard minħabba li nżamm fuq ix-xogħol.

## 58.7 Data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali

58.7.1 Il-Kunsill se jkun qed jasal għal data għal din il-laqgħa wara l-ewwel laqgħa tal-Kunsill għas-sena 2017 u wara li jkollna abbozz ta' budget.

## 58.8 Proċedura ta' bye-law

58.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill memo 34 li titkellem dwar il-proċedura ta' *bye-law*. Peress illi ftit xhur ilu, il-Kunsill diġa kien ressaq proposta ta' *bye-law* sabiex tagħmilha kontra l-liġi min jitma' ħamiem selvaġġ, u ma smajna xejn mid-Dipartiment, is-Segretarju qal li l-aħjar nimxu mal-proċeduri ġodda. Huwa qal illi meta nagħmlu l-laqgħa annwali, nsejħu laqgħa qasira dwar din il-*bye-law* ħalli l-pubbliku jkun jista' jgħid tiegħu.

## 58.9 *Performance Bonus*, Staff u Segretarju Eżekuttiv.

58.9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet il-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv. Hawnhekk is-Segretarju qal illi għalkemm fil-passat kienet konswetudni illi s-Segretarju

joħroġ mill-kamra, huwa ma kienx se jagħmel dan fuq parir mid-Dipartiment. Dan għaliex id-Dipartiment jgħid li s-Segretarju ma jista' fl-ebda mument joħroġ mill-kamra għax inkella r-riżoluzzjoni tiġi legalment nulla. Is-Sindku qalet li s-Segretarju kellu *performance* tajba u ħaqqu *full bonus*. Dan gie approvat mil-Kunsilliera kollha b'mod unanimu.

58.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapporti bil-*performance appraisals* ta' l-istaff kollu fejn kien suġġeriet bonus ta' 6 fil-mija lill-impjegati kollha. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma ssibx oġġezzjoni u l-kunsilliera kollha qablu ma' dan.

### 58.10 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

58.10.1 L-iskeda ta' pagamenti 42 ġiet approvata nem. con. fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondat mill-kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit. Dan wara li ma kienx hemm mistoqsijiet.

58.10.2 Il-Petty Cash ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur John Mizzi li ġie ssekondat mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

### 58.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

58.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.04pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 9 ta' Jannar 2016 fis-6pm.

Konfermati, illum 9 ta' Jannar 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |